

Waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr. Quddiem l-artal, mix-xellug għal-lemin jidhru, Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu; Mons. Isqof Mario Grech u Dun Tarcisio Camilleri, Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sannat.

# Jiċċelebra t-tieni anniversarju

Nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar, Mons Isqof Mario Grech iċċelebra t-tieni anniversarju mill-konsagrazzjoni episkopali tiegħu. Numru kbir ta' saċerdoti u diversi lajċi nsara ngħaqdu miegħu fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fir-Rabat, Għawdex, għal quddiesa ta' radd il-ħajr. Preżenti wkoll għal din l-okkażjoni kien hemm Mons Nikol Cauchi, Isqof Emeritu, li kien ikkonsagra lil Mons Mario Grech bħala l-Isqof suċċessur tiegħu.

Hekk kif spiċċat il-quddiesa, Mons. Isqof Grech ħareġ fil-bieb ta' barra l-Knisja sabiex isellem personalment lil kulmin attenda għal din iċ-ċelebrazzjoni.

Wara, iltaqa' mas-saċerdoti u membri tal-familja għal riċeviment żgħir ta' l-okkażjoni.



John B. Camilleri minn Sannat jidher jifraħ lill-Mons. Isqof Grech. John għandu t-tifla Margaret Curmi li flimkien mar-raġel tagħha Simon joqogħdu f'Caroline Springs, Victoria, hawn fl-Awstralja.



Mons. Isqof Grech flimkien ma' Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, tar-Rabat, Għawdex, jaqsmu l-kejk ta' l-okkażjoni. Dan sar fuq insistenza ta' Mons. Isqof, għax l-Arċipriet Cardona, f'din il-ġurnata, jiġifieri t-Tlieta 22 ta' Jannar, għalaq 55 sena. Jidhru wkoll il-familjari ta' Mons. Isqof, fosthom ommu Marija Stella fuq ix-xellug tiegħu u missieru Ġorġ, warajha.

# Festa tas-Sagra Familja

Fl-Isptar ta' l-Ibraġġ, nhar il-Ħadd, 27 ta' Jannar, ġiet iffestiġġjata s-Sagra Familja.

F'din l-okkażjoni, membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Morda u dawk Anzjani għamlu żjajjar lirrikoverati fis-swali ta' l-istess Sptar. Saret ukoll iċ-ċerimonja tal-Griżma tal-Morda lill-morda kollha.

Fil-Kappella ta' l-Isptar, Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni flimkien mal-kappillani ta' l-isptar. Il-kant tmexxa mill-Kanonku Ġużeppi Grech bil-kor tiegħu, mill-Paroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur.

Fuq inizjattiva ta' Carmelo Bigeni, grupp sabiħ ta' bandisti li jaħdmu l-Isptar, għamlu marċi brijjużi fl-isptar għal din l-okkażjoni ta' Festa. Wara sar riċeviment żgħir għall-mistednin.



Mons. Isqof Nikol Cauchi waqt il-quddiesa ta' l-okkażjoni, fil-Kappella ta' l-Isptar ta' l-Ibraġġ. Jidhru mix-xellug, Dun Renato Borg, l-abbati Christian Scicluna, Mons. Ruzario Borg, Dun John Muscat, Mons. Isqof Cauchi, Dun Joe Cardona u Dun Mikiel Mintoff.



*Fuq il-lemin jidhru l-bandisiti waqt id-daqq ta' marċi ħalli jferrħu lill-morda fl-isptar*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Waqt is-Servizz Ekumeniku. Mix-xellug jidhru Can. Tom Mendel, Fr Jeff Williams, l-Isqof Mario Grech; Rev. David Morris u Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra.

# Servizz Ekumeniku

Fl-Ottava ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes, il-kumitat "Residenti Barranin" tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, nhar l-Erbgħa 23 ta' Jannar, organizza Servizz Ekumeniku fil-Bażilka Marija Bambina fix-Xagħra. Waqt li l-Kor *Voci Angeliche* mmexxi mis-Sinjura Grace Vella u l-Grupp ta' barranin imsejjaħ *Għawdex Handbell Ringers* ferrħu lill-udjenza bid-daqq u l-kant ta' innijiet adattati, diversi qarrejja lokali u barranin, qraw lezzjonijiet bit-tema "*to be one*".L-Isqof t'Għawdex Mario Grech, Can. Tom Mendel ta' l-Anglikani u Rev. David Morris tal-Iskoċċiżi u l-Metodisti, it-tlieta taw messaġġi ta' l-okkażjoni. Qalu li laqgħat ta' talb bħal dawn huma pass tajjeb, però t-talb irid isir konsistenti u ma jaqtax. " …Irridu nisimgħu wkoll ir-risposta li jagħtina Alla u nieħdu passi fuqha. Ma nistgħux nibqgħu fl-istess post. L-għaqda ta' l-Insara tista' sseħħ biss wara li kull wieħed minna jkollu konverżjoni interna…". Ħa sehem ukoll Rev. Jeff Williams Anglikan ta' Holy Trinity tas-Sliema. Wara, ħafna minn dawk preżenti daħlu fis-sagristija tal-Knisja Bażilika għal riċeviment ġentilment ipprovdut mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra.



Il-Kor Voci Angeliche waqt is-Servizz Ekumeniku.

Café VALLETTA
Licenced Restaurant
12-14 O'Connell Street Sydney
Ph: (02) 9235 0455 Fx: (02) 9235 0466
Trading hours Monday to Friday - 6.30am to 4.00pm
Saturday - 9.00am to 3.00pm
Maltese Specials on offer every day
A full Maltese Menu every Saturday
Enjoy a traditional Maltese meal in the heart of Sydney!
Private functions for up to 70 guests possible
Booking for Saturday lunch is recommended.
Cafè Valletta - Joe and Miriam Portelli Sponsor of Gozo Page